MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 888/2011

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited.**
**Vs**
**Maurice Scifo Diamantino**
**Victor Guterra**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi matul is-sena 2009, il-konvenut Maurice Scifo Diamantino kien assigura l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ALS-001 mas-socjeta' attrici; nhar it-22 t'Ottubru, 2009 sehh incident awtomobilistiku gewwa Mensija Road, San Gwann bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenut Victor Guterra u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBO-431 misjuqa minn certa Sonia Bezzina; il-konvenuti baqghu ma ressqux *claim* mas-socjeta' attrici relattivament ghall-incident *de quo*, u dan kif kienu obbligati illi jaghmlu kemm ai termini tal-kapitlu

104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta' attrici; s-socjeta' attrici informat lill-konvenut sahansitra permezz ta' l-ittra ufficjali ta' l- 24 ta' Novembru 2010 illi galadarba l-konvenut Victor Guterra kien kjarament jahti ghall-incident '*de quo'* pero' ma kienx gie rregistrat *claim*, hija kienet ser thallas lit-terzi l-ammont ta' danni minnhom reklamat, u dana bid-dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' l-istess konvenut, kemm ai termini tal-Ligi kif ukoll ai termini tal-polza t' assigruazzjoni relattiva; minkejja illi l-imsemmija ittra giet debitament notifikata, l-konvenuti baqghu nadempjenti; sussegwentement is-socjeta' attrici hallset favur it-terzi s-somma ta' tliet mija u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€360.96) ai termini tal- artikolu 15 tal-kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz; peress illi l-konvenuti agixxew bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza t' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta' attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenuti b'mod *in solidum* bejniethom l-ammont ta' hames mija u hamsa u sebghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€575.67) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' tlieta mija u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€360.96) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' mitejn u erbatax-il ewro u wiehed u sebghin centezmu (€214.71) l-ispejjez legali u gudizzjarji inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' l-istess incident awtomobilistiku – u ghalhekk qieghdin isiru dawn il-proceduri sabiex il-konvenuti jigu kkundannati b'mod *in solidum* bejniethom illi jhallsu dawn l-ammonti lis-socjeta' attrici; bl-isejjez u bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali ta' l- 24 ta' Novembru, 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti, illi jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccippixxew illi in linea preliminari, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae materiae* stante, *inter alia*, illi skont l-artikolu 1.2 (b) tar-raba' skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta), it-talba attrici kellha ssir permezz ta' Arbitragg; illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk

ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici; illi in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ufficjali tal- 24 ta' Novembru, 2010 ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 15 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni tal-Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta), u kwindi l-azzjoni attrici kif dedotta hija improponibbli; illi fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu illi l-eccipjent kiser il-ligi u l-kondizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni mhijiex intitolata illi tirkupra, minghand l-istess eccipjent b'mod *in solidum* mal-konvenut l-iehor Victor Gutarrea, l-ammont mitlub fl-avviz promutorju; illi fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici kif dedotta hija improponibbli fil-konfront tal-eccipjent billi l-istess eccipjent sar jaf bl-incident *de quo* tardivament, u f'cirkostanzi fejn il-vettura proprjeta' tieghu ma sofriet l-ebda danni u konsegwentement l-istess eccipjent ma kienx obbligat illi jaghmel *claim* skond l-istess imsemmi kapitolu 104 u skond il-polza relattiva; illi fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent m'ghandux jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi danni allegatament subiti mill-vettura tal-persuna assigurata mas-socjeta' attrici billi l-incident meritu tat-talbiet attrici gara unikament bi htija tal-istess persuna assigurata meta hija baqghet diehla fuq in-naha ta' wara tal-vettura propjeta' tal-eccipjent, u misjuqa mill-konvenut l-iehor Victor Gutarrea, hekk kif jirrizulta, *inter ailia*, mid-dokument anness u mmarkat bhala DOK A; illi fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ghandha tressaq prova cara u skond il-ligi tal-ammont, in linea ta' danni, li qed tirreklama fl-avviz promutorju, u dan, *inter alia*, skond l-artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta); illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront tal-eccipjent, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement jimmeritaw illi jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici; salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra li il-konvenut Victor Guterea debitament notifikat ma deherx u biex jirripondi ghat-talbiet kontrih u lanqas ma pprezenta risposta;

Ra x-xhieda ta Maurice Scifo Diamantino;

Ra l-atti tal-kawza;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li fis seduta ta 10 ta ottubru 2012 thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijeit li tressqu mill-konvenut.

***Ikkunsidra:***
Illi t-talba odjerna hija talba ghal risarciment ta' somma rapprezentanti hlas lit-terz ta kumpens ghad-danni minnhabba f'incident awtobolisitku li sehh u li l-konvenut/i baqghu qatt ma ressqu il-*claim* taghhom ai termini tal-ligi.

Illi dan it-Tribnal gie mitlub jaghti decizjoni fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet prelimnari tal-konvenut Scifo Diamantino ossia illi (i) in linea preliminari t-Tribunal mhuwiex kompetenti *rationae materiae* sabiex jisma' din il-vertenza, (ii) illi mhuwiex il-legittimu kontradittur tat-talba attrici, (iii) li l-ittra ufficjali ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-aritkolu 15 tal-kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-kompetenza jirrizulta illi hemm divergenza t' opinjoni ta x'inhuma d-danni reklamati permezz tal-proceduri odjerni. Skont il-konvenut dawn huma konsegwenza ta' kollizjoni bejn zewg vetturi u ghalhekk dan it-Tribunal huwa inkompetenti jiddecidi dwarhom. Filwaqt li skont s-socjeta attrici d-danni reklamati u l-vertenza odjerna huma kawza ta' ksur ta' polza assigurattiva da parti tal-konvenut/i u mhux tal-kollizjoni.

It-Tribunal jaghmel riferenza ghar-Raba' Skeda (Artikolu 15) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li l-arbitragg huwa mandatorju s-segwenti tilwimiet :
*1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur.*

*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*
*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*
*(b) hsara involontarja fil-proprjeta` li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(c) talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratrici fuq il-hajja, 'underwriter approval' mill-Ministru responsabbli ghat-trasport jew persuna ohra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*
*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87).*

Id-divergenza bejn il-partijiet hija dwar jekk din it-tilwima hija l-interpretazzjoni tal-artikolu 1.2 (a) fuq citat.

Illi s-socjeta attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid illi '*t-tilwima odjerna effettivament tohrog minn ksur ta'polza assigurattiva da parti tal-konveut u mhux kollizjoni ta'vetturi....is-socjeta esponenti mhijiex qieghda titlob illi dan it-Trbunal jiddetermina minn miz-zewg xufiera involuti kien responabbli ghall-incident'.*

Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu jezamina jekk kienetx l-intenzjoni tal-legislatur li jkopri kawzi bhall-vertenza odjerna bl-arbitragg madatarju.

It-Tribunal jhoss illi l-ligi hija cara fiha nnfisha ghaliex tghid "**kull tilwima *civili jew kummercjali***, *.... li tkun tilwima li* ***torigina*** *minn: (a) kollizjoni bejn vetturi"*

Fil-kaz odjern ghalkemm il-vertenza odjerna si tratta di *claim* li ma kienx gie registrat mill-assikurat u ghalhekk it-talba hija ghall-rifuzjoni tas-somma ta' flus xorta wahda t-tilwima <u>torigina</u> minn kollizjoni bejn vetturi u li t-Tribunal jekk kellu jiddikjara li huwa kompetenti jisma' l-kaz xorta wahda jkollu jidhol fil-mertu tal-kawza orginali u cioe' l-kollizjoni u jekk kellhiex ragun is-socjeta attrici thallas ghad-danni. It-Tribunal ihoss illi ma kienx l-intenzjoni tal-legislatur meta kiteb il-ligi ghall-arbitragg illi jispezzetta l-

gurisdizzjoni billi jhalli li kazijiet bhal dawn jigu determinati mill-Qrati ordinarji.

Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi mghandux kompetenza jidhol fil-mertu tal-kaz odjern.

Illi tenut kont tas-suespost, it-Tribunal jieqaf milli jiehu konsiderazzjoni tal-eccezzzjonijiet l-ohra.

**Decide**
Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari mqajma mill-konvenut ossia li t-Tribunal m'ghandux kompetenza li jisma u jiddeciedi din it-talba u jordna li l-ispejjez relattivi ghal din is-sentenza ghandhom jithallsu mis-Socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------